

**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000148/2015**

**lill-Kummissjoni**

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

**David Borrelli, Tiziana Beghin, Rolandas Paksas, Peter Lundgren, Piernicola Pedicini, Laura Agea**

f'isem il-Grupp EFDD

Suġġett: Appoġġ f'fin reali għall-industrija Ewropea, inkluża dik tal-azzar

Is-settur tal-azzar tal-UE huwa taft pressjoni qawwija minn l-esportazzjonijiet Ċiniża li dejjem qed jiżdiedu. Id-diskussjoni dwar l-għoti tal-Istatus ta' Ekonomija tas-Suq (MES) liċ-Ċina qed tintensifika biża' ta' kontaġġu ta' tali dinamika mhux mixtieqa lil setturi industrijali oħra. Dawn il-kwistjonijiet kollha relatati ma' politika industrijali u kummerċjali għandhom ikunu integrati fl-isforzi favur il-klima, li jipprovdu kundizzjonijiet ekwi għall-industrija tagħna.

1. Il-Kummissjoni taqbel li kwalunkwe diskussjoni dwar il-possibbiltà ta' MES għaċ-Ċina jew għal nazzjonijiet oħra trid tiġi kkoordinata mal-politiki industrijali, tal-kummerċ u dwar il-klima tal-UE? X'inhuma l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-għoti ta' MES liċ-Ċina, inkluż il-perjodu ta' żmien meta dan jista' possibbilment iseħħ?
2. Tista' l-Kummissjoni tgħid jekk hijiex qed tikkunsidra t-taxxi orjentati lejn il-konsum relatata mal-kontenut ġenerali ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> tal-prodotti?
3. Il-Kummissjoni konxja jekk miżuri bħal dawn ikunu kompletament kompatibbli ma' politiki oħra industrijali, tal-kummerċ u dwar il-klima, li jsaħħu l-approċċ ġenerali tal-UE u jipprevjenu li ssir ħsara lil ħafna setturi industrijali Ewropej?
4. Il-Kummissjoni taqbel li tali miżuri orjentati lejn il-konsum (a) jibgħatu sinjal dirett lill-konsumaturi, billi jiġu involuti fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, (b) jittrattaw produtturi domestiċi u barranin bl-istess mod, (c) jipprovdu soluzzjoni f'fin reali għal prezzijiet suspetti b'dumping, u b'hekk jiġi evitat id-dewmien proċedurali assoċjat ma' investigazzjonijiet standard, u (d) jkopru l-kategoriji kollha tal-prodotti u tas-servizzi lil hinn mis-settur tal-azzar?
5. Il-Kummissjoni se tinforma lill-Parlament fuq bażi regolari, b'mod partikolari permezz tal-Kumitat tiegħu għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali?

Imressqa: 19.11.2015

Mgħoddija: 23.11.2015

L-iskadenza għat-tweġiba: 30.11.2015